**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 78/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 11 ta' Ottubru 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fit-2 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa, inkluz sorte, taxxa addizzjonali w imghax, mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 u dana stante li: (i) l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa w Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kontestati inhargu *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh illi qed jghid il-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (iv) il-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma ghal kollox zbaljati u bbazati fuq premessi hziena; (v) huwa ma nghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; u (vi) ir-rapport ta' taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti markati Dok. "FG01" sa' Dok. "FG49" annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 51 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006, u jitlob li l-istess jigi michud u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kkonfermati, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa w Avvizi ta' Rifjut huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-snin

ta' stima in kwistjoni; (iii) ma huwiex minnu dak allegat mir-Rikorrent li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa minnu kontestati u l-Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (iv) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni ma inhargux *fuori termine* stante li dawn effettivament inhargu a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, citati mir-Rikorrent stess; (v) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, fl-istadju ta' l-oggezzjoni huwa nghata smigh xieraq mill-Objection Review Officer koncernat u dan jirrizulta car mill-fatt li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa originali gew emendati fid-dawl tas-sottomissjonijiet maghmula mill-istess Rikorrent fl-istadju ta' l-oggezzjoni; (vi) a tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrent ma ghandux dritt iharrek bhala xhieda lil Amanda Zahra, Sandro Butttigieg u Ruth Spiteri in kwantu huma lkoll impjegati fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "D" annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri a fol. 60 sa' 119 tal-process;

Ra d-dokument markat Dok. "KTI1", ossia l-Capital Accretion Exercise maghmul mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tar-Rikorrent, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni pemrezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Novembru 2011 a fol. 132 sa' 136 tal-process, sema' x-xhieda ta' Edmund Bartolo moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2012[1], tas-27 ta' Marzu 2012[2], tal-15 ta' Novembru 2012[3] u ta' l-14 ta' Ottubru 2013[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "EB1" sa' Dok. "EB9" a fol. 140 sa' 164 tal-process u d-dokumenti markati Dok. "EB10" a fol. 175 sa' 178 tal-process u Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 312 sa' 316 tal-process, ra l-affidavit ta' Nathalie Galea esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fis-17 ta' Mejju 2012 a fol. 182 u 183 tal-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Lulju 2012[5] u ta' l-4 ta' Gunju 2013[6] u ra id-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2012 markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 185 sa' 202 tal-process, sema' x-xhieda ta' Daniela Azzopardi in rapprezentanza tata' l-MFSA moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012[7] u ra d-dokument esebit minnha markat Dok. "MF1" a fol. 214 u 215 tal-process, ra n-Nota tar-Rikorrent ipprezentata fit-30 ta' Novembru 2012 a fol. 228 tal-process, sema' x-xhieda ta' Carmel Gatt in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2013[8] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. 1 sa' Dok. 14 a fol. 233 sa' 295 tal-process u ra d-dokumenti markati Dok. "DG" esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fid-9 ta' Lulju 2013 a fol. 302 sa' 308 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 323 sa' 334 tal-process, in-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 335 sa' 355 tal-process, ir-

[1] Fol. 165 sa' 173 tal-process.
[2] Fol. 179 u 180 tal-process.
[3] Fol. 218 sa' 227 tal-process.
[4] Fol. 317 sa' 321 tal-process.
[5] Fol. 203 sa' 206 tal-process.
[6] Fol. 296 u 297 tal-process.
[7] Fol. 216 u 217 tal-process.
[8] Fol. 298 sa' 301 tal-process.

Replika tar-Rikorrent a fol. 356 sa' 368 tal-process u l-Kontro-Replika tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 369 sa' 377 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 permezz ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' €404,103 rapprezentanti taxxa dovuta ghall-imsemmija snin ta' stima, oltre taxxa addizzjonali w imghaxijiet[9]. Ir-Rikorrent jitlob li l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Iterni, inkluz is-sorte, it-taxxa addizzjonali u l-imghaxijiet, jigu mhassra u revokati. Huwa jibbaza l-appell tieghu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 (l-imsemmija snin ta' stima inkluzi) in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni u l-Avvizi ta' Rifjut relattivi ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (ii) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kontestati inhargu *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh illi qed jghid il-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (iv) il-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma ghal kollox zbaljati u bbazati fuq premessi hziena; (v) huwa ma inghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; u (vi) ir-rapport ta' taxxa ipperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 (l-imsemmija snin ta' stima inkluzi) mahruga fil-konfront tieghu u jitlob li l-istess jigi michud u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kkonfermati stante li: (i) l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa u Avvizi ta' Rifjut huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima in kwistjoni; (iii) ma huwiex minnu dak allegat mir-Rikorrent li il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa minnu kontestati w l-Avvizi ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (iv) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni ma inhargux *fuori termine* stante li dawn effettivament inhargu a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, citati mir-Rikorrent stess; (v) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent fl-istadju ta' l-oggezzjoni huwa nghata smigh xieraq mill-Objection Review Officer koncernat u dan jirrizulta car mill-fatt li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa originali gew emendati fid-dawl tas-sottomissjonijiet maghmula mill-istess Rikorrent fl-istadju ta' l-oggezzjoni; (vi) a tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrent ma ghandux dritt iharrek bhala xhieda lil Amanda Zahra, Sandro Butttigieg u Ruth Spiteri in kwantu huma lkoll impjegati fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

---

[9] Dok. "FG26" sa' Dok. "FG49" a fol. 28 sa' 51 tal-process.

Mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u senjatament mix-xhieda ta' Carmel Gatt in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi u mix-xhieda ta' Edmond Bartolo, accountat fi hdan wahda mis-socjetajiet di proprjetà tar-Rikorrent, jirrizulta li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 mahruga fil-konfront tar-Rikorrent huma bbazati fuq Capital Accretion Exercise maghmul mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent u minn liema rrizulta akkrexximent fil-kapital ta' l-istess Rikorrent li però baqa' ma giex debitament spjegat mill-istess Rikorrent. Il-Capital Accretion Exercise li jifforma l-bazi tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa meritu ta' dawn il-proceduri gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi bhala Dok. "KTI" a fol. 133 sa' 136 tal-process.

Mill-imsemmi Capital Accretion Exercise u mill-Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga wara l-istadju ta' l-oggezzjoni da parte tar-Rikorrent, jirrizulta car li l-Kummissarju tat-Taxxi ddetermina li r-Rikorrent tul is-snin ta' stima in kwistjoni kellu *other income* li ma giex minnu dikjarat fil-prospetti tat-taxxa tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima u li allura issa jrid jigi debitament intaxxat fuq tali income ghall-fini li tithallas it-taxxa dovuta fuqu.

Hawnhekk it-Tribunal mill-ewwel jaghmel referenza ghall-principju guridiku enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 8/07** deciza fit-23 ta' Mejju 2008, in segwitu ghal appell mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn decizjoni preliminari moghtija mill-Bord ta' Kummissarju Specjali fil-10 ta' Ottubru 2007.

Fis-sentenza tieghu l-Bord ta' Kummissarju Specjali osserva li: *il-Bord iqis li l-kwistjoni ta' jekk, fil-kaz fejn il-KTI qed jipprezenta assessment li juza t-terminu "Other Income", jekk l-istess KTI ma jkunx f' posizzjoni li jaghti spjega cara - u bi spjega cara hu mifhum mhux by inference - ta' minn xiex hu kompost dak l-Other Income, tali assessment imbaghad jassumi n-natura ta' dak li jista' jigi deskritt bhala "an estimated assessment", u allura jrid ikun il-KTI li jrid jipprova c-cifri u il-kontenzjonijiet tieghu. Dan huwa konsonanti ma' dak ikkontemplat fil-Kazijiet Numri 116 u 158 quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni appella minn din id-decizjoni preliminari u l-aggravju tieghu gie sintetikament imfisser mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bil-mod segwenti: *fis-semplicità tieghu l-ilment sottopost hu dirett kontra l-espressjoni ta' fehma ta' l-appellat, akkolta mill-Bord, illi, gjaladarba, hu kien ressaq id-dokumentazzjoni shiha allegatament provanti l-korrettezza tac-cifri tieghu, l-oneru tal-provi kellu jisposta ruhu fuq il-Kummissarju biex dan jispjega in-natura preciza ta' l-ammont raffigurat taht il-kappa "Other Income". Anke f' dan l-istadju l-appellanti jkompli jinsisti illi kien jaggrava dejjem fuq l-appellat taxpayer il-piz tal-prova li l-istima hi eccessiva u li, allura wkoll, li jipprova, bi provi attendibbli u serji, l-akkrexximent fil-kapital tieghu.*

Fir-rigward ta' tali appell u aggravju relattiv il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *Apprezzevolment, l-aggravju dedott huwa wiehed ta' interess u ta' importanza qawwija in kwantu jirriverti fuq il-piz tal-provi, u, l-aktar, jekk fil-kors tal-kontroversji kontenzjuzi fiskali ghandux dan l-istess piz joxxilla minn parti ghall-ohra, kif hekk inhu l-kaz fi procedimenti civili.*

*Jibda biex jigi registrat bi principju generali tad-dritt processwali civili illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq dak fost il-kontendenti li jallega fatt migjub 'il quddiem b' fondament tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. Proprju, fid-distribuzzjoni tal-piz tal-prova tali jsib espressjoni fir-regoli tradizzjonali onus probandi incumbit ei qui dicit u reus excipiendo fit actor. Fil-kaz ta' l-ewwel hu doveruz, b' esigenza logika hafna, illi l-attur li jazzjona hu karikat bil-piz li jipprova l-bazi tad-dritt azzjonat. Fil-kaz tat-tieni, il-konvenut hu mghobbi bl-oneru li jipprova l-eccezzjoni kontrapposta ghall-pretiza ta' l-attur avversarju. B' illustrazzjoni, wiehed jista' jirreferi ghal kaz fejn sid ta' fond mikri jallega destinazzjoni partikolari ta' fond mentri l-kerrej tieghu jallega skop u uzu xort' ohra. F' kaz bhal dan, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, l-inkwilin allega fatt pozittiv kuntrarju ghall-uzu effettiv tal-fond u, allura, "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offert u dan ghandu jigi provat minnu" ("Francesca Mallia -vs- Salvatore Guillaumier", 12 ta' Jannar, 1962). Premess dan il-kapitolu introduttiv, fil-kontroversji fiskali r-regim tal-provi processwali hu artikolat u regolat fid-dispost ta' l-Artikolu 35 (3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372). Dan jghabbi fuq spallejn it-taxpayer "il-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva". Ragonevolment, il-kwalifikazzjoni li taghmel il-ligi tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "piz" necessarjament timporta illi t-taxpayer li jonqos milli jiddizempenja ruhu jitqieghed fi zvantagg billi l-qaghda tithalla fi stat ta' incertezza. Jista' minn naha l-ohra jigri illi fil-kors tal-proceduri t-taxpayer jirnexxielu, b' dimostrazzjoni ta' certu fatt jew fonti ta' prova, jissupera dan il-piz inkombenti, anke jekk sommarjament, billi jadduci elementi sufficjenti ta' prova prima facie. Dan, almenu, nirriskontrawh fi proceduri ta' indoli civili in kwantu hu dottrinalment accettat illi "in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a 'prima facie' case". (Phipson "On Evidence", Ed. Sweet & Maxwell, 1970, para. 103). Linejarment ma' dan il-hsieb hi, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Zammit -vs- Joseph Hili", Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953, fejn fiha gie rikonoxxut illi, una volta s-sid-attur ikun ghamel il-prova tad-detenzjoni prekarja tal-fond mill-konvenut, l-oneru tal-prova jigi spustat ("shifted") fuq il-konvenut "ghax jista' jkun stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta". Tinsorgi hawn id-domanda jekk dan l-ispostament tal-piz tal-prova huwiex hekk possibbli w accettabbli fil-kors ta' l-attività gudizzjali fi kwestjonijiet fiskali. Minn dak ricerkat jidher li t-twegiba hi fil-posittiv. F' decizjoni tal-Judicial Committee tal-Privy Council moghtija fit-8 ta' Frar, 1971 (per Lord Donovan) fil-kaz "The Argosy Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue", trattasi ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Guyana – ara riproduzzjoni ta' siltiet importanti minnha fil-harga tal-gurnal "Times of Malta", Monday, 12th April, 1971 – intqal dan:- "From the express terms of Section 48 (4) (Income Tax Ordinance tal-Guyana)* ***before the Commissioner can make an assessment to the best of his judgement, he must first form an opinion that the person is liable to pay tax. This must mean a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form. The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the onus was on the***

***Company to prove that the assessment was excessive***[10] *". Aktar fundamentali ghall-fattispeci hi din is-silta li ssegwi: "**Admittedly the onus of proving that the condition precedent to making an assessment did not exist lay in the first instance on the Company, but in Civil Proceedings the onus shifts from time to time according to the state of the evidence. Here, to put the matter at its lowest, a strong "prima facie" case had been made out that the Commissioner had formed an opinion on liability which no reasonable person could hold. It was then for him, if he could, to show the contrary and he made no attempt to do so**[11]". Mill-kontenut tad-decizjoni tal-Bord fil-kaz prezenti jidher, b' applikazzjoni tal-principju suddett, illi dan argina l-hsieb tieghu b' dawn il-konsiderandi:- (1)F' dak l-istadju u dejjem in sede ta' konjizzjoni sommarja hu hassu sodisfatt illi d-dokumentazzjoni prodotta mit-taxpayer kienet tqarreb il-posizzjoni guridika assunta minn dan. Fi kliem iehor, li dik l-istess dokumentazzjoni kienet tirrapprezenta elementi indizzjarji sufficjenti li fl-apprezzament diskrezzjonali tal-Bord kellhom jakkwistaw valur prima facie ta' l-awtenticità u tal-kompletezza taghhom; (2)Li b' konsegwenza ta' din id-deduzzjoni, l-oneru tal-prova kellu jisposta ruhu ghal fuq il-Kummissarju biex dan joffri spjegazzjoni cara tal-komposizzjoni tac-cifra li wasal ghaliha taht ir-ras "Other Income". Wiehed hawn necessarjament jifhem illi fl-intendiment tal-Bord, il-Kummissarju ma setax jezimi ruhu milli jforni prova li l-Bord ikun ritwalment talbu ghall-iskop li jigu ikkontrastati u ssuperati dawk l-elementi indizzjarji suppliti mid-dokumentazzjoni tat-taxpayer. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tara xejn barra mill-ordinarju illi anke fi proceduri fiskali l-Bord jinsisti mal-Kummissarju appellanti biex dan jippreciza jew jikkjarixxi l-assunti proprji tieghu jew almenu, bhal f' dan il-kaz, li jissostanzja il-kalkoli li jkunu saru minnu ghal skop ta' stima. Jekk xejn, ghall-ahjar istruzzjoni tal-kaz u dak ta' l-apprezzament unitarju u organiku tal-provi li jkollu eventwalment jaghmel il-Bord.*

Stabbilit dan il-principju, it-Tribunal ser jghaddi biex jittratta d-diversi ilmenti u kontestazzjonijiet li r-Rikorrent ghandu fir-rigward tal-Capital Accretion Exercise mahdum fil-konfront tieghu u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet tat-Taxxa mahruga kontrih a bazi ta' tali Capital Accretion Exercise.

Mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrent jirrizulta li l-Capital Accretion Exercise qed jigi per lo più kontestat minnu fir-rigward tas-segwenti aspetti: (i) il-figura li kellha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' *possible savings* in segwitu ghal trasferiment ta' proprjetà da parte tieghu fis-sena bazi 2001, ossia jekk hux Lm60,000 li kien il-valur tat-trasferiment jew inkella Lm25,789 li kien il-qligh kapitali kif kalkolat u determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (ii) l-ammonti li skond il-Kummissarju tat-Taxxi thallsu minnu lil martu Nathalie Galea in forza tal-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti datat 17 ta' Awwissu 1995; (iii) cash investments ta' Nathalie Galea; (iv) living expenses tal-familja tar-Rikorrent; (v) il-vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru tar-Registrazzjoni TFC-108, li giet meqjusa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala di proprjetà tar-Rikorrent proprio; (vi) l-investiment da parte tar-

[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.

Rikorrent fis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited; u (vii) cash in hand u jewellery li skond il-Kummissarju tat-Taxxi Interni r-Rikorrent kellu fil-pussess tieghu fil-31 ta' Dicembru 2005.

It-Tribunal ser jghaddi biex jittratta kull wahda minn dawn il-kontestazzjonijiet sollevati mir-Rikorrent fir-rigward tal-Capital Accretion Exercise mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Intenri w a bazi ta' liema inhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 (l-imsemmija snin ta' stima inkluzi) fil-konfront tieghu.

**L-ammont li kellu jitnizzel fl-*Istatement of Possible Savings* tar-Rikorrent relattivament ghat-trasferiment ta' proprjetà fis-sena bazi 2001.**

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent jikkontendi li: *ammont ta' Lm25,789 fl-istatement of possible savings (Dok. KTI - Fol. 134, taht is-sezzjoni Income, kolonna YA2002) li huwa mnizzel bhala taxable capital gain minn bejgh ta' art li kien sar permezz ta' kuntratt li jgib id-data tat-2 ta' Lulju 2001, liema kuntratt jinsab esebit immarkat Dok. EB4 (Fol. 143). It-taxpayer kien akkwista din l-art fl-1988 skond kif jidher mill-provenjenza taht Klawsola 5 ta' Dok. EB4 (Fol. 143). Hu kien biegh l-art fl-2001 ghas-somma ta' Lm60,000. Ghall-iskop ta' l-ezercizzju tal-possible savings, l-ammont li kellu jitnizzel kien id-dhul totali ta' Lm60,000, mhux it-taxable gain ta' Lm25,789. Dan galadarba li l-art giet akkwistata fl-1988 u cioè qabel il-perijodu ta' tnax-il sena li ghalih jirreferi dan l-ezercizzju, liema perijodu jibda mill-1994 (YA1995). Huwa ovvju li l-istatement of possible savings huwa b'hekk understated b'Lm34,211*[12].

In sostenn ta' din l-osservazzjoni r-Rikorrent ressaq bhala xhud lill-accountant Edmond Bartolo li fir-rigward u a bazi tad-dokument Dok. "EB3" esebit minnu a fol. 142 tal-process, xehed: *hemm il-figura li hija mmarkata bil-kulur ahdar fis-sena ta' stima 2002 hemm capital gain ta' Lm25,789, Dan il-capital gain jirrapprezenta bejgh ta' bicca art fil-Bidnija li nbieghet permezz ta' kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri fit-2 ta' Lulju 2001. Ser nesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt Dok. EB4 u f'dak il-kuntratt is-Sur Galea fis-sena 2001 kien biegh bicca art li mill-provenjenza kienet tidher li akkwistaha. Hi kienet tidher li kienet bicca ghax kienet akbar però kull transazzjoni li saret ghal dik l-art saret qabel iz-zmien li huwa kopert b'dan l-istatement jigifieri kull transazzjoni li saret, saret qabel l-1993. Dan johrog mill-provenjenzi meta kien xtraha u hallas ghaliha kien fl-1988 ghall-parti tieghu. Din kienet parti wahda minn erbgha presso poco ta' l-art li kienet inxtrat fl-1988. Il-bejgh sar fl-2001 u l-prezz ghall-bejgh kif jidher hemmhekk huwa ta' Lm60,000. Ghall-skopijiet ta' l-istatement of possible savings kif ghandna quddiemna d-dhul li kellu jidhol mhux id-dhul taxxabbli ta' Lm25,000 imma d-dhul kollu ghaliex il-Lm25,000 jirrizulta wara li tnaqqsu d-deductions skond l-income tax. Is-Sur Galea dakinhar qala' Lm25,000 ghat-taxxa. Per ezepmju hemm id-deduction ta' l-inflation. Però ghall-iskopijiet ta' dan l-exercise wiehed irid jiehu id-dhul kollu ghaliex id-dhul kollu gie ghandu ghax seta' jonfqu u seta' jgemmghu.* In risposta

[12] Para. 1 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 324 tal-process.

ghall-mistoqsija tat-Tribunal: *jigifieri kellu jigi indikat is-Lm60,000 kollu?* Edmond Bartolo wiegeb: *iva u mhux il-Lm25,000. Iva w anki l-capital gains ghaliex il-provisional capital gains li thallset fuq dak il-kuntratt tidher aktar 'l isfel bhala tax paid. Jigifieri hemm qed nghidu li kellu jidhol is-Lm60,000 u mhux il-Lm25,789.* In risposta ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal: *jigifieri int qed tghid li huwa d-dhul u mhux il-qligh li kellu jidhol?* Edmond Bartolo wiegeb: *ezattament ghaliex il-flus li thallsu biex inxtrat l-art hargu qabel il-perijodu ghaliex kieku iva kien jidhol il-qligh biss imma la nxtrat qabel l-1988 qabel dan il-perijodu kellu jigi indikat id-dhul kollu tal-bejgh*[13].

Il-Kummissarju tat-Taxxi rribatta ghal din il-pretensjoni tar-Rikorrent bis-segwenti sottomissjoni: *illi skond punt numru wiehed tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-appellant, il-valur kollu tal-bejgh ta' l-art li ghaliha saret referenza aktar 'l fuq, u cioè l-ammont ta' Lm60,000, ghandhu jittiehed ai fini tal-komputazzjoni ta' possible savings. Illi bir-rispett dovut l-esponent ma jaqbilx mat-tezi ta' l-appellant in kwantu li parti mill-prezz tal-bejgh m'hu xejn hlief ir-rikavat ta' l-ispiza kapitali ta' l-art (kemm dik originali u spejjez ohra li setghu kienu marbutin ma' l-istess art). Ghalhekk qed jigi rilevat li dak li ghandu jittiehed ai fini tal-komputazzjoni tal-possible savings huwa l-qligh u mhux il-prezz tat-trasferiment fl-intier tieghu. Illi ai fini ta' kjarifika u sabiex l-argument ta' l-esponent jinftiehem ahjar qed jinghata ezempju semplici kif gej: fil-bidu tal-perijodu ta' akkrexximent l-assi kapitali ta' individwu kienu jikkonsistu fi proprjetà wahda li tiswa Lm30,000 u din eventwalment giet trasferita ghal Lm40,000. Issa fl-ahhar tal-perijodu ta' akkrexximent l-individwu kellu Lm40,000 fil-kont bankarju tieghu u ghalhekk l-akkrexximent kapitali tieghu matul dan il-perijodu kien wiehed ta' Lm10,000 (id-differenza bejn Lm40,000 fl-ahhar u Lm30,000 fil-bidu). L-akkrexximent jirrifletti l-profitt fuq il-bejgh li kien ta' Lm10,000 u z-zieda fl-assi kapitali kien possibbli b'rizultat ta' dan il-profitt. Skond it-tezi ta' l-appellant l-individwu fl-ezempju t'hawn fuq kellu akkrexximent ta' Lm10,000 izda seta' gemma (possible savings) Lm40,000 . Dan m'huwiex korrett in kwantu Lm30,000 jirriflettu l-bidla fin-natura ta' l-assi li kellu fil-bidu ta' l-ezercizzju sa' tmiem l-ezercizzju ghaliex proprjetà li kienet tiswa Lm30,000 issa ssarfet fi Lm30,000 fil-kont bankarju ta' l-individwu. Illi ghalhekk it-tezi ta' l-appellanti li l-ammont kollu ta' Lm60,000 ghandu jidhol fl-Istatement of Possible Savings ma tregix u dan ghaliex jekk isir hekk huwa jkun qed juza assi li kienu digà ghandu fil-bidu tal-perijodu ta' akkrexximent sabiex jispjega zieda fl-assi li akkwista fil-perjodu li matulu sar l-ezercizzju. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent ma jaqbilx illi l-istatement of possible savings huwa understated b'Lm34,211 kif qed jallega l-appellant*[14] .

Minn dawn is-sottomissjonijiet u minn dak li hareg waqt is-smigh tal-proceduri jirrizulta li din il-kwistjoni partikolari ma hijiex wisq wahda ta' fatt izda piuttost wahda ta' interpretazzjoni. In effetti mhux kontestat li:

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012, fol. 165 sa' 173 tal-process.
[14] Para. 21 sa' 25 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 338 u 339 tal-process.

- In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella datat 25 ta' Mejju 1988, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi bhala Dok. 6 a fol. 256 sa' 258 tal-process, ir-Rikorrent flimkien ma' terza persuna, Paul Zahra, kienu akkwistaw *fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom l-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Cincli" li qieghda l-Bidnija, limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' cirka tmintax-il elf u wiehed punt disgha tnejn metri kwadri (18001.92m$^2$)* ... verso l-prezz ta' Lm24,000;
- In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat 27 ta' Gunju 1991, ir-Rikorrent u Paul Zahra qasmu bejniethom l-art akkwistata minnhom;
- In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi bhala Dok. 5 a fol. 242 sa' 255 tal-process, ir-Rikorrent u martu xoljew il-komunijoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u fost il-proprjetà li r-Rikorrent ha a saldu tas-sehem tieghu mill-komunjoni ta' l-akkwisti kien hemm porzjoni diviza ta' art tal-kejl superficjali ta' cirka 4,064.2m$^2$ formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta' Cicli" il-Bidnija, limiti tal-Mosta, liema porzjoni diviza ta' art fl-intier taghha gie dikjarat li kellha valur ta' Lm50,000;
- In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 2 ta' Lulju 2001, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi bhala Dok. 7 a fol. 259 sa' 262 tal-process, ir-Rikorrent ittrasferixxa a favur ta' terza persuna, ossia is-socjetà Plans Limited, il-porzjoni diviza ta' art tal-kejl superficjali ta' cirka 4,064.2m$^2$ formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta' Cicli" il-Bidnija, limiti tal-Mosta, verso l-prezz ta' Lm60,000.

Minn dak sottomess mir-Rikorrent huwa evidenti li jippretendi li ladarba l-porzjoni diviza ta' art minnu trasferita fl-2001 kienet - ghall-inqas in parti - di proprjetà assoluta tieghu sa' mill-1988, il-*possible savings* li huwa ghamel mill-imsemmi trasferiment kienu ta' Lm60,000 u mhux biss il-qligh kif kalkolat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Din il-pretensjoni tar-Rikorrent però hija ghal kollox zbaljata in kwantu l-prezz tat-trasferiment, ossia s-somma ta' Lm60,000, jinkludi fih il-valur realizzat fi flus ta' dik il-porzjoni diviza ta' art li kienet proprjetà tieghu u b'hekk già formanti parti mill-assi tieghu fil-bidu tal-Capital Accretion Exercise esegwit fil-konfront tieghu. B'hekk bit-trasferiment tal-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni r-Rikorrent gie li kkonverta dak l-assi immobbli li kellu fi flus u ghamel qligh minn fuqu, li huwa appuntu l-qligh kif kalkolat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u huwa dak il-qligh li effettivament jista' u bhala fatt ghandu jidhol fl-*Istatement of Possible Savings* tar-Rikorrent.

Ghaldaqstant, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni korrettament inkluda s-somma ta' Lm25,789 fl-*Istatement of Possible Savings* tar-Rikorrent fil-Capital Accretion Exercise minnu mahdum fil-konfront tieghu u kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent tali *Statement of Possible Savings* ma huwiex underdeclared bl-ammont ta' Lm34,211.

Dejjem fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-qligh kapitali maghmul mir-Rikorrent in segwitu ghat-trasferiment tal-porzjoni diviza ta' art tal-kejl superficjali ta' cirka 4,064.2m$^2$ formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta' Cicli" il-Bidnija, limiti tal-Mosta, effettwat fl-2001, fir-Replika tieghu r-Rikorrent jissottometti ulterjorment

illi: *bla pregudizzju, kieku wiehed kellu jiehu biss il-qligh, kellu jiehu l-qligh totali. Kif rraguna d-Direttur Generali (Taxxi Interni), hu ha biss dak li hu qed jallega li hu qligh taxxabbli (Lm25,789). Kieku biss, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) kellu jiehu l-qligh totali, li f'dan il-kaz ried jinkludi wkoll dak li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) qed jaccetta bhala qligh ezenti mit-taxxa, minhabba li l-art mibjugha kienet gejja minn assenjazzjoni. Jidher car ghalhekk li l-Income fl-Istatement of Possible Savings huwa fil-fatt understated bi Lm34,211 fil-Y/A 2002*[15].

It-Tribunal f'dan ir-rigward ukoll ma jaqblix mal-pretensjoni tar-Rikorrent in kwantu l-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hadem il-qligh kapitali - u b'hekk l-ammont li kellu jiddahhal fl-*Istatement of Possible Savings* tar-Rikorrent ghall-perijodu kopert bil-Capital Accretion Exercise - hekk kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-Kummissarju bhala Dok. 13 a fol. 293 tal-process, huwa l-mod korrett kif fil-fatt kellu jsir il-kalkolu in kwistjoni.

B'hekk it-Tribunal jirribadixxi li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni korrettament inkluda s-somma ta' Lm25,789 fl-*Istatement of Possible Savings* tar-Rikorrent fil-Capital Accretion Exercise minnu mahdum fil-konfront tieghu.

**Pagamenti effettwati lil Nathalie Galea, mart ir-Rikorrent, ai termini tal-kuntratt dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995**.

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995[16], ir-Rikorrent u martu Nathalie Galea xoljew il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom in segwitu ghaz-zwieg taghhom iccelebart fil-21 ta' Ottubru 1978. B'konsegwenza tax-xoljiment tar-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom, ir-Rikorrent u martu, in forza ta' l-istess imsemmi kuntratt, illikwidaw u qasmu l-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u assnejaw u ttrasferew lil xulxin diversi proprjetajiet immobbli kif elenkati fil-kuntratt a saldu tas-sehem rispettiv taghhom tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Nathalie Galea, dejjem a saldu tas-sehem taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti, giet assenjata, oltre diversi proprjetajiet immobbli, *is-somma ta' tlett mija u hamsin elf lira (Lm350,000) li l-komparenti Tarcisio Galea jipprometti u jobbliga ruhu li jhallasha lill-komparenti Nathalie Galea, li taccetta, kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) f'pagamenti ta' hamest elef lira (Lm5,000) kull wiehed li jibdew jghaddu mil-lum u jithallsu kull xahar b'lura minghajr ebda imghax u kwantu ghal mitejn u hamsa u ghoxrin elf lira (Lm225,000) ohra f'pagamenti ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) fis-sena li jibdew jghaddu mil-lum u jithallsu kull sena b'lura minghajr ebda imghax u kwantu ghar-rimanenti mitt elf lira (Lm100,000) ghandhom jigu pacuti billi l-komparenti Tarcisio Galea jobbliga ruhu kif fil-fatt qieghed jaghmel, li fi zmien sena mill-llum jakkwista f'isem il-komparenti Nathalie Galea (a) il-flat markat internament bin-numru erbatax (14) formanti parti minn blokk ta' erbatax-il flat in parti sovrappost ghal garage San*

[15] Replika tar-Rikorrent - paragrafu intestat "Id-Dhul minn Bejgh ta' Art fis-Sena 2001" - fol. 357 tal-process.
[16] Dok. "EB5" a fol. 147 sa' 160 tal-process.

*Pawl il-Bahar, Triq it-Tonn bla numru u konfinanti l-intier blokk mit-Tramuntana ma' Triq it-Tonn, minn Nofsinhar ma' Saint Paul's Street u mill-Punent ma' beni tal-familja Bezzina; (b) maisonette bl-arja tieghu in parti sovrapost ghall-beni ta' terzi l-Iklin, limiti ta' Hal Lija, Triq Geronimo Abos bla numru; u (c) il-garage markat internament bin-numru tlieta u ghoxrin (23) li jinsab gio semi-basement l-Iklin limiti ta' Hal-Lija accessibbli minn drive-in li jizbokka fi Triq Geronimo Abos.*

Apparte minn hekk, in forza tal-Klawsoli 1 sa' 5 ta' l-imsemmi kuntratt ir-Rikorrentu u martu Nathalie Galea ftehmu ulterjorment illi: (i) *il-komparenti Tarcisio Galea jobbliga ruhu li jhallas id-debiti kollha tal-kumpaniji fuq imsemmija u li jirrifondi lill-istess Nathalie Galea kull ammont li jigi mitlub lilha u imhallas minnha 'de proprio' bhala rizultat tal-garanziji minnha maghmula lil diversi banek in solidum ma' l-istess kumpaniji;* (ii) *illi kwalunkwe dejn iehor li talvolta jista' jkun hemm fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti ghandu jithallas mill-komparenti Tarcisio Galea. Ghal kwalunkwe buon fini jigi dikjarat li attwalment jezisti dejn ta' cirka sebgha u ghoxrin elf Lira (Lm27,000)*; (iii) *l-imsemmi Tarcisio Galea jipprometti u jobbliga ruhu li jhallas lill-martu Nathalie Galea ghaliha manteniment ghal zmien hames snin mil-lum ta' tmint elef lira (Lm8,000) ghall-ewwel sena, sebat elef lira (Lm7,000) ghat-tieni sena, sitt elef (Lm6,000) ghat-tielet sena, hamest elef (Lm5,000) ghar-raba' sena u erbat elef (Lm4,000) ghall-hames sena, liema manteniment jibda jghaddi mil-lum u jithallas kull xahar bil-quddiem. Il-partijiet jiftehmu li l-manteniment tat-tifla minuri Carin Galea ghandu jibqa' responsabilità taghhom it-tnejn;* (iv) *il-komparenti Nathalie Galea ghandha tibqa' tircievi c-Childern's Allowance*; (v) *l-imsemmija Nathalie Galea tkun libera li taghmel l-atti kollha tal-hajja civili inklu li tezercita l-kummerc minghajr l-awtorizzazzjoni ta' zewgha jew ta' xi Awtorità gudizzjarja*; (vi) *mill-lum il-quddiem kull wiehed minnhom huwa responsabbli ghad-dejn li ghamel.*

Fid-dawl ta' l-istipulazzjonijiet ta' l-imsemmi kuntratt u b'mod partikolari fid-dawl ta' l-obbligazzjonijiet assunti mir-Rikorrent fir-rigward ta' martu li: (i) jhallasha s-somma ta' Lm350,000 bil-mod kif stipulat fl-istess kuntratt; u li (ii) jhallasha manteniment ghal zmien hames snin bil-mod kif stipulat fil-kuntratt, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddetermina s-segwenti:

- Ladarba r-Rikorrent kellu, skond l-obbligu minnu assunt fil-kuntratt, ihallas lil martu l-ammonti ta' Lm8,000, Lm7,000, Lm6,000, Lm5,000 u Lm4,000 bejn l-1995 u s-sena 2000, tul dak il-perijodu, martu rceviet minghandu l-ammont komplessiv ta' Lm30,000, liema ammont ittiehed in konsiderazzjoni fl-*Istatement of Possible Savings* tieghu;
- La kien hemm dan l-obbligu ta' mantiment ta' Lm8,000, Nahtalie Galea kellha bzonn bhala *living expenses* dan l-istess ammont ta' Lm8,000 fis-sena b'zieda ta' Lm100 kull sena ghall-gholi tal-hajja, b'dana ghalhekk li tul il-perijodu bejn 1996 u 2006 kellha living expenses ta' Lm71,400 **u** bl-istess mod ir-Rikorrent kellu *living expenses* ta' Lm8,000 fis-sena b'zieda ta' Lm100 kull sena ghall-gholi tal-hajja b'dana li kellu *outgoings* bejn l-1996 u l-2006 fl-ammont komplessiv ta' Lm101,400; u

- Fil-31 ta' Dicembru 2005 Nathalie Galea, mart ir-Rikorrent kellha investimenti fl-ammont ta' Lm186,500, liema investimenti ma ssemmewx fl-*istatement of affairs* kif invece kellu l-obbligu li jaghmel ir-Rikorrent.

Ir-Rikorrent jikkontesta dawn id-determinazzjonijiet maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni a bazi ta' affermazzjoni centrali li nonostante dak stipulat fil-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu huwa qatt ma ghadda lill-martu l-pagamenti hemm indikati u ghalkemm huwa kien jaghtiha is-somma ta' Lm8,000 fis-sena biex jigu koperti l-*living expenses*, dan l-ammont kien ikopri il-*living expenses* tal-familja kollha - ossia tieghu, ta' martu u ta' binthom - u mhux ta' martu biss.

Fir-rigward ir-Rikorrent isostni li: *total ta' Lm30,000 fl-istatement of possible savings (Dok. KTI - fol. 134, taht is-sezzjoni Outgoings) li huwa mnizzel bhala Alimony u li hemm referenza ghaliha f'Note 1 (Dok KTI - Fol. 134, isfel nett) li tghid illi "As per contract of division of assets, in 1996 TP agreed to give to his spouse Lm8,000 as alimony payment…". Mix-xhieda ta' Edmond Bartolo jirrizulta li t-taxpayer qatt ma hallas Alimony lill-mara tieghu, ghaliex minkejja x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u d-division of assets, it-taxpayer u l-mara tieghu baqghu jghixu flimkien. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Income Tax Returns tat-taxpayer, li juru li l-istat civili tieghu dejjem deher bhala "mizzewgin u nghixu flimkien". Fil-fatt, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni esebixxa tlett income returns tat-taxpayer, kif gej: dik ta' YA 1994 immarkata bhala Dok. 9 (Fol. 268 sa' 280), dik ta' YA 2003 immarkata bhala Dok. 12 (Fol. 281 sa' 284) u dik ta' YA 2004 immarkata bhala Dok. 12 (Fol. 288 sa' 292). Dan l-istat civili kkonfermatu wkoll il-mara tat-taxpayer fl-affidavit li jinsab esebit (Fol. 183) fejn tiddikjara li "wara ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jiena u zewgi bqajna nghixu flimkien". Fatt li jikkonferma li t-taxpayer qatt ma hallas Alimony johrog mill-income tax returns tieghu, fejn it-taxpayer qatt ma talab tnaqqis mit-taxxa ghal hlasijiet ta' manteniment, xi haga li kellu dritt jaghmel mill-YA 1997 'il quddiem, meta tali hlas ghall-manteniment sar deducibbli ghall-fini ta' income tax. Izda t-taxpayer qatt ma talab tali tnaqqis ghaliex kien qed jghix flimkien ma' martu u l-flus li kienu jonfqu kienu living expenses tat-tnejn li huma. Ghalhekk, it-total tal-Outgoings ghandu jonqos bit-total ta' Lm30,000 Alimony. L-istatement of possible savings (KTI - Fol. 134, taht is-sezzjoni Outgoings) jinkludi wkoll dawn it-totali: Living Expenses (assumed Note 1) - Lm101,400, Wife additional living expenses (Assumed Note 1) - Lm71,400 - Total LM172,800. Ir-referenza ghal Note 1 (Dok. KTI - Fol. 134 isfel nett) tghid illi "As per contract of division of assets, in 1996 TP agreed to give to his spouse Lm8,000 as alimony payments, thus it is being assumed that TP had the same living expenses, which would increase by Lm100 annually." Aktar 'l fuq digà ttrattajna li, mix-xhieda ta' Edmond Bartolo, mill-affidavit tal-mara tat-taxpayer, kif ukoll mill-income tax returns tat-taxpayer, jirrizulta li t-taxpayer u l-mara tieghu baqghu jghixu flimkien. Fid-dawl ta' dan kollu, l-assumption tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dik ta' total ta' Lm172,800 living expenses fuq medda ta' tnax-il sena, oltre Lm30,000 Alimony (ghal medja ta' Lm16,900 fis-sena) hija wahda esagerata, anke ghaz-zminijiet ta' illum, wisq aktar ghal dak iz-zmien bejn 8 u 19-il sena ilu. Fix-xhieda tieghu Carmel Gatt, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, spjega kif il-*

*Kummissarju tat-Taxxi Interni kien wasal ghal dawn il-figuri. Fir-rigward tal-wife additional living expenses (Lm71,400) Carmel Gatt qal li "dana assumew li jekk fl-1996 Mrs. Galea kellha bzonn 8,000 ghall-ghejxien, allura fis-snin kollha kellha bzonn dak l-istess amonnt. U plus li kull sena zdiedet Lm100 ghall-gholi tal-hajja." Fir-rigward tal-living expenses tat-taxpayer (Lm101,400), Carmel Gatt qal li "il-linja ta' fuq hemm living expenses li mhux li jirriferu ghal Mrs. Galea imma ghal Mr. Galea fejn hemm 7,900, 8,000, 8,100, 8,200 dik hija assumption ukoll ghax jekk il-mara kellha bzonn dan l-ammont kull sena mela allura r-ragel kellu bzonn l-istess ammonti". Jidher car li l-punto di partenza ghall-ammont ta' living expenses kien l-ammont ta' Lm8,000 li jidher imnizzel bhala Alimony f'YA 1996. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni* ***assuma***[17] *li l-mara tat-taxpayer hadet dan l-ammont f'YA 1996. Imbaghad* ***<u>assuma</u>***[18] *li la hadet dak l-ammont f'dik is-sena, kellha bzonn l-istess ammont fis-snin l-ohra kollha, b'zieda ta' Lm100 kull sena ghall-gholi tal-hajja. Fl-ahharnett il-Kummissarju tat-Taxxi Interni* ***<u>assuma</u>***[19] *li jekk il-mara kellha bzonn dan l-ammont kull sena, ir-ragel kellu bzonn l-istess ammont. U allura rdoppja l-ammont ta' living expenses. U minn Lm101,400 tella' it-total ta' living expense ghal Lm202,800, u minn dan it-total naqqas Lm30,000 li jidhru bhala Alimony*[20].

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-principji fondamentali li jirregolaw l-istitut tal-kuntratti, senjatament il-valur legali u probatorju ta' dak stipulat fil-kuntratt: (i) f'*materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti* - Artikolu 992(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) *hija regola li l-kuntratti jigu esegwiti bil-fond fidi* - Artikolu 993 tal-Kodici Civili; u (iii) *kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur).* Dawn il-principji gew enuncjati f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom is-sentenza fl-ismijiet **George Portanier noe v. Charles Bezzina, Citaz. Nru. 1330/95** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003, fejn dik il-Qorti, wara li enuncjat il-principji hawn appena citati, osservat ulterjorment illi: *b'dana kollu "è indubitato altresi che per diritto probatorio si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurità, le ambiguità e la incertezza dell' atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l'intenzione dei contraenti; poichè in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell' atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell' atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua (Vol. XXV p1 p150).*

Huwa evidenti ghalhekk la hija regola centrali li *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur,* ossia kontra l-miktub mhux ammissibbli prova mhux miktbua, il-prova da parte tar-Rikorrent li kuntrarjament ghal dak stipulat fil-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ffirmat bejnu u bejn martu fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995, huwa ma

[17] Enfasi tar-Rikorrent.
[18] Enfasi u sottolinear tar-Rikorrent.
[19] Enfasi u sottolinear tar-Rikorrent.
[20] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, paras. 2 u 3 a fol. 324 sa' 326 tal-process.

hallasx lill-martu l-manteniment kif stiuplat fl-istess kuntratt u ma hallashiex is-somma ta' Lm350,000 kif obbliga ruhu li jaghmel b'dak il-kuntratt, trid tkun prova altru milli konvincenti.

Wara li kkunsidra bir-reqqa l-provi mressqa mir-Rikorrent in sostenn ta' l-imsemmija allegazzjoni tieghu u s-sottomissjonijiet relattivi ta' l-istess Rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova la sa' livell imqar ta' *prima facie* u wisq inqas b'mod sodisfacenti, li kuntrarjament ghal dak ikkunsidrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kuntest ta' u relattivament ghall-Capital Accretion Exercise mahdum minnu, huwa ma ghaddiex hlasijiet lil martu rapprezentanti manteniment ghaliha u rapprezentanti l-hlas tas-somma ta' Lm350,000.

Ir-Rikorrent johloq argument shih a favur l-allegazzjoni tieghu li huwa ma hallas l-ebda manteniment lil martu Nathalie Galea in bazi ghal zewg pretensjonijiet: (i) li in segwitu ghal u nonostante l-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom, hu u martu baqghu jghixu flimkien fl-istess dar; u (ii) li fil-prospetti tat-taxxa tieghu huwa dejjem indika l-istat civili tieghu u ta' martu bhala mizzewwgin u jghixu flimkien u qatt ma talab deduzjoni ghal ebda manteniment li seta' jithallas lil martu. It-Tribunal però iqis li dawn il-pretensjonijiet huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u bl-ebda mod ma jikkostitwixxux prova sodisfacenti - u lanqas prova imqar *prima facie* - li r-Rikorrent ma hallasx lilll-martu l-flejjes li huwa obbliga ruhu li jhallasha fil-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Jibda biex jinghad li kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma huwiex kuntratt ta' separazzjoni personali u ghalhekk ghaliex konjugi jaghzlu li jitterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom ma jfissirx li huma ma baqghux mizzewgin u jghixu flimkien u konsegwentement il-fatt li l-konjugi Galea baqghu, wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jghixu flimkien ma jikkostitwixxix prova valida - lanqas imqar *prima facie* - li l-hlasijiet stipulati f'dak il-kuntratt ma sarux mir-Rikorrent a favur martu.

In kwantu rigwarda l-allegazzjoni tar-Rikorrent li prova cara li huwa qatt ma hallas manteniment lil martu huwa l-fatt li fil-prospetti tat-taxxa tieghu b'effett mis-sena ta' stima 1997 'l quddiem qatt ma talab id-deduzzjoni li *taxpayer* huwa intitolat ghaliha f'kaz ta' hlas ta' manteniment, jigi osservat li l-Artikolu rilevanti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikolu 14A, kien, fiz-zmienijiet rilevanti ghal dawn il-proceduri, jipprovdi li: *Minkejja kull haga ghall-kuntrarju li tinsab f'dan l-Att, jekk individwu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li fis-sena ta' qabel sena ta' stima jkun ghamel* ***hlas ghall-manteniment kif stabbilit mill-Qrati ta' Malta jew kif miftiehem f'att pubbliku ta' separazzjoni personali taht l-Awtorità tal-Qrati ta' Malta lill-parti mizzewga lilu li ma tkunx baqghet tghix mieghu***[21]*, dak l-individwu ghandu jinghata bhala tnaqqis kontra l-income tieghu l-icken minn dawn l-ammonti: (i) l-ammont attwalment imhallas skond l-ordni tal-Qorti jew*

[21] Enfasi tat-Tribunal.

*att pubbliku; (ii) l-income taxxabbli ta' l-individwu ghas-sena.* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog ferm car li d-deduzzjoni hemm kontemplata kienet koncessa biss lil dawk it-taxpayers li kienu jhallsu manteniment lill-parti mizzewga lilu li ma tkunx baqghet tghix mieghu (*estranged spouse* fit-test Ingliz) b'ordni tal-Qorti jew in segwitu ta' kuntratt ta' separazzjoni, cirkostanzi dawn li b'ammissjoni tar-Rikorrent stess, ma jissussistux fil-kaz in ezami. Fid-dawl ta' dan ghalhekk difficilment tista' tirnexxi l-pretensjoni tar-Rikorrent li l-fatt li huwa qatt ma talab ghad-deduzzjoni kontemplata fl-Artikolu 14A tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa prova cara li huwa qatt ma hallas lill-martu l-mantiment stipulat fil-kuntratt, ossia s-somma komplessiva ta' Lm30,000 indikata bhala alimony da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ladarba l-konjugi Galea fl-1995 ftehmu li l-manteniment li kellha bzonn Nathalie Galea ghaliha nnifsha kien ta' Lm8,000 fis-sena - jew ghall-inqas fl-ewwel sena in segwitu ghall-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kellu jkun ta' Lm8,000 fis-sena - ma jaghmel l-ebda sens li dan il-manteniment jonqos matul is-snin, anzi huwa bil-wisq iktar probabbli li l-manteniment mehtieg jizdied minn sena ghall-ohra. B'hekk, ghalkemm skond il-kuntratt il-hlasijiet bhala manteiment kellhom jonqsu ghal kull sena li tghaddi, huwa ferm iktar probabbli u plawsibbli, kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi, li kull sena r-Rikorrent ghadda lill-martu is-somma ta' Lm8,000 fis-sena bhala manteniment ghall-*living expenses* taghha stess. Ladarba max-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti Nathalie Galea kellha bzonn bhala manteniment taghha nnifisha s-somma ta' Lm8,000, jsegwi li r-Rikorrent ukoll kellu bzonn din is-somma bhala manteniment ghalih innifsu.

Ghaldaqstant id-determinazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li tul il-perijodu kopert bil-Capital Accretion Exercise mart ir-Rikorrent kellha, oltre s-somma ta' Lm30,000 bhala manteniment skond il-kuntratt, is-somma ulterjuri ta' Lm71,400 bhala *living expenses*, u r-Rikorrent da parte tieghu kellu *living expenses* fl-ammont komplessiv ta' Lm101,400, tirrizulta bhala ghal kollox logika u legittima.

Ghalkemm ir-Rikorrent ma jichadx li huwa kien jghaddi flus lil martu ghall-*living expenses* huwa jikkontendi li dawn kienu ghall-bzonnijiet tal-familja kollha u mhux taghha biss, izda meta xehed dwar l-istess hlasijiet ghall-*living expenses* ix-xhieda moghtija minnu ma kienetx affattu kredibbli w addirittura giet kontradetta minn Edmond Bartolo.

Filwaqt li r-Rikorrent iddikjara li *jiena mill-flus li kont indahhal minn negozju tieghi, dejjem kont nonfoq kollox u dejjem kont nibqa' bid-dejn. Meta kien ikolli bzonn inhallas, l-avukat kien jghaddili xi cekk tal-kumpannija. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-kumpaniji kellhom cekkijiet, nghid illi li kien ghalija l-kumpanniji kollha ghandhom cekkijiet u qed nigi mistoqsi jekk jien personali ghandix cekkijiet, nghid illi le. Fir-rigward ta' l-ispejjez tieghi personali, per ezempju l-kont tad-dawl u ilma tad-dar, nghid li jien kont nghid lill-accountant u hu kien ihallas ghalihom mill-fondi ta' xi wahda mill-kumpanniji*[22], Edmond Bartolo in risposta ghall-mistoqisja: *fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Lulju 2012, XXX qal li hu ma kellux kontijiet*

[22] Xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2012, fol. 203 sa' 206 tal-process.

*personali sabiex ikopri l-ispejjez tieghu ta' kuljum, la biex ihallas kontijeit tad-dawl u l-ilma u lanqas affarijiet bazici, hu kien jitlob dejjem lilek biex tghaddilu l-flus, dan int kont tasal ghall-ammont li ghandek ittieh jew, kif kontu tiftehmu fuq il-flus kif ghandhom jghaddu?* wiegeb: *li dejjem, mhux dejjem, anzi nasal li nghid li kienu jkunu okkazzjonijiet, mhux rari imma mhux frekwenti. Il-mara tieghu kienet thallas il-kontijiet hi hafna minnhom, kienet thallashom cash ghax huwa konijiet bankarji m'ghandux. Li konna niehdu hsieb ahna mill-kumpanniji kien il-kont tal-mobile tieghu ghax dak konna nhallsuh ahna u konna niccargjawh ma' l-ispejjez tal-kumpanniji, dawl u ilma gieli hallasna però dak kif konna qed nghidu dak kien jigi jiehdu indirettament hu, jigifieri l-fatt illi dejjem mhux haga ta' kuljum kienet.* In risposta ghall-mistoqsijiet ulterjuri: *jigifieri l-mara tieghu kellha income ghaliha jew minn tieghu?* Edmond Bartolo wiegeb: *le minn tieghu stess*; *jigifieri inti mhux kull kont li kien ikollu kont jaghtih ammont ta' flus?* wiegeb: *le, dazgur li le; ghax hu ta x'jindika li kull ammont li kellu jew forsi kull kont li kien ikollu kien jghaddih lilek biex thallsu?* wiegeb: *allahares ghax kieku nista' noqghod mieghu biss*[23].

Mix-xhieda tar-Rikorrent u ta' l-istess Edmond Bartolo ma jirrizultax li r-Rikorrent u/jew Edmond Bartolo kienu jzommu rendikont tal-flejjes li r-Rikorrent kien jghaddi lill-martu ghall-*living expenses* allegatament tal-familja kollha u fin-nuqqas ta' tali rendikont difficilment tista' titwemmen il-pretensjoni li l-flejjes li r-Rikorrent kien jghaddi lil Nathalies Galea kienu ghall-bzonnijiet tal-familja Galea kollha u mhux biss ghall-bzonnijiet taghha biss.

In kwantu rigwarda s-somma ta' Lm350,000 li r-Rikorrent obbliga ruhu li jhallas lil martu, parti, ossia sal-valur ta' Lm100,000, bi proprjetà, u parti, ossia r-rimanenti Lm250,000, fi flus, ir-Rikorrent u martu Nathalie Galea difficilment jistghu jitwemmnu meta jikkontendu li dawn il-hlasijiet ma gewx effettati minn wiehed ghall-ohra. Ghalkemm fl-affidavit[24] taghha Nathalie Galea tiddikjara li *qed nirreferi ghall-kuntratt li ffirmajna jiena u zewgi XXX, li ghandu l-Karta ta' l-Identità Numru 289358(M), fis-sbatax ta' Awwissu tas-sena 1995 u li permezz tieghu ahna konna xoljejna w illikwidajna l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejnietna. Qed nirreferi specifikatament ghal klawsola 1(c) li tinsab fit-tieni pagna ta' l-imsemmi kuntratt, liema klawsola tghid li jien kelli niehu "is-somma ta' tlett mija u hamsin elf lira (Lm350,000)" bi proprjetà assoluta ghas-saldu ta' sehemi mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Jiena niddikjara li jiena qatt ma hadt, jew b'xi mod ircevejt, dawn il-flus*, mill-prospett tat-taxxa tar-Rikorrent u martu ghas-sena ta' stima 2003[25] jirrizulta li tul is-sena bazi 2002 gie trasferit flat fi Triq it-Tonn, San Pawl il-Bahar, ghall-valur ta' Lm40,000, liema flat huwa appuntu wiehed mill-proprjetajiet immobbli li r-Rikorrent kien obbliga ruhu li jakkwista f'isem martu bhala parti mis-somma ta' Lm350,000, senjatament bhala parti mill-ammont ta' Lm100,000 li kellu jithallas bi proprjetajiet.

Fir-rigward ta' dawn il-hlasijiet li r-Rikorrent obbliga ruhu li jaghmel versu martu, Edmond Bartolo xehed illi *l-ahhar figura li hemm highlighted bil-kulur orangjo*

[23] Xhieda moghtija minn Edmond Bartolo waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012, fol. 218 sa' 226 tal-process.
[24] Fol. 183 tal-process.
[25] Dok. 10 a fol. 281 sa' 284 tal-process.

*fuq l-accretion exercise*[26] *li tirrigwarda flus li l-Kummissarju qed jghid li huma spouse cash investment difference between cash assets given in contract of division and living expenses. Jekk nirreferi ghall-kuntratt ta' xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'pagan 6, klawsola c, is-sur Galea ipprometta w obbliga ruhu li jhallas lil martu Nathalie Galea s-somma ta' Lm250,000 fuq perijodu ta' ghaxar snin. Li rrid nghid huwa li fis-sena 1995 jiena kont involut fid-drafting ta' dan il-kuntratt ta' xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan il-pagament fil-fatt kien intiz bhala garanzija illi jekk is-Sur Galea u martu ma jibqghux jghixu flimkien allura jithallsu dawn il-pagamenti mis-Sur Galea lill-mara tieghu. Fil-fatt jiena infurmat li dawn il-pagamenti qatt ma saru ghax huma fil-fatt baqghu jghixu flimkien però dan il-fatt qatt ma gie accettat mill-Kummissarju, lanqas meta jiena ghedtlu li nista' ngiblu dikjarazzjoni guramentata kemm min-naha tas-Sur Galea u kemm min-naha tal-mara tieghu li dawn il-flus qatt ma thallsu*[27]. Din ix-xhieda ta' Edmond Bartolo però ma hijiex affattu kredibbli in kwantu fil-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ffirmat bejn ir-Rikorrent u martu minn imkien ma jirrizulta li l-hlas tas-somma ta' Lm250,000 kellha tkun biss *qua* garanzija f'kaz li l-konjugi Galea ma jibqghux jghixu flimkien.

Li jistipula l-kuntratt invece huwa s-segwenti, u cioè li b'konsegwenza tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn ir-Rikorrent u martu Nathalie Galea, din ta' l-ahhar kienet se tiehu ***bi proprjetà assoluta ghas-saldu ta' sehema tal-komunjoni ta' l-akkwisti***[28] - fost affarijiet ohra - *is-somma ta' tlett mija u hamsin elf lira (Lm350,000) li jithallsu kif jinghad aktar 'l quddiem*[29], ossia, *kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) f'pagamenti mensili ta' hamest elef lira (Lm5,000) kull wiehed* ***li jibdew jghaddu mill-lum u jithallsu kull xahar b'lura minghajr ebda imghax*** *u kwantu ghal mitejn u hamsa u ghoxin elf lira (Lm225,000) ohra f'pagamenti ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) fis-sena* ***li jibdew jghaddu mill-lum u jithallsu kull sena b'lura minghajr ebda imghax …***[30]. Kuntrarjament ghal dak affermat minn Edmond Bartolo jirrizulta li l-pagament ta' l-ammonti imsemmija kien a saldu ta' sehem Nathalie Galea mill-komunjoni ta' l-akkwisti u mhux ghall-eventwalità li l-konjugi Galea ma jibqghux jghixu flimkien, u l-istess pagamenti kienu dovuti b'effett immedjat mid-data tal-kuntratt u mhux marbuta ma' xi avveniment futur, cert jew incert che sia.

Hawn it-Tribunal jaghmel referenza ghall-principju assodat fis-sistema guridika nostrali u diversi drabi enuncjati fis-sentenzi pronuncjati mill-Qrati Maltin, bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Tony Mallia Bonello v. Angelo Xuereb (Construction) Limited illum AX Construction Limited, Citaz. Nru. 762/01** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003, illi *l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili … jghid li "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car* - hekk kif fil-fehma tat-Tribunal hu l-kaz fil-kaz in ezami - *ma hemmx lok ghal interpretazzjoni". Il-principju*

[26] Dok. "EB6" esebit minn Edmond Bartolo a fol. 161 tal-process.
[27] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012, fol. 165 sa' 173 tal-process.
[28] Enfasi tat-Tribunal.
[29] Dok. "EB5", fol. 148 tal-process.
[30] Enfasi tat-Tribunal.

*kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osserva. Pacta sunt servanda (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 - Gloria mart Jonathan Beasom et v. L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines).* Fid-dawl ta' tali principju guridiku jigi ribdait li *ma hijiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvola ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*[31].

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk ir-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti - u dana lanqas sa' livell imqar *prima facie* - li l-Capital Accretion Exercise mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa, in kwantu rigwarda dawn l-aspetti partikolari, zbaljat u/jew ezagerat.

**Il-vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni TFC-108, li giet meqjusa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala di proprjetà tar-Rikorrent proprio**

Fil-Capital Accretion Exercise mahdum mill-Kummissarju tat-Taxxi Intenri[32], il-Kummissarju kkonsidra li fil-31 ta' Dicembru 2005, ir-Rikorrent kellu di proprjetà tieghu diversi vetturi, fosthom il-vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni TFC-108 li giet stmata minnu fil-valur ta' Lm8,441. Fir-rigward ta' tali konstatazzjoni r-Rikorrent jissottometti li *l-Accreation Exercise li gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. KTI (fol. 135) jinkludi taht is-sezzjoni Motor Vehicles, ammont ta' Lm8,441 li huwa mnizzel bhala Toyota Liteace TFC-108. Dan l-ammont ghandu jitnehha minn dan l-accretion exercise ghaliex din il-vettura ma kinitx tat-taxpayer izda ta' wahda mill-kumpanniji li taghha kien direttur. Dan johrog mix-xhieda ta' Edmond Bartolo u mill-kopja tal-logbook ta' l-istess vettura, li giet esebita mmarkata Dok. EB7 (fol. 162). Jidher car mill-log book li s-sid registrat tal-vettura kien Holden Dev. Co. Ltd. L-istess log book jghid ukoll li l-vettura hija 'company-owned vehicle'*[33]. In risposta ghall-osservazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li *dwar il-vettura Toyota Liteace bin-numru ta' registrazzjoni TFC108 mid-dokument riprodott fix-xhieda ta' Edmond Bartolo jidher li l-vettura giet registrata taht Holden Dev. Co. Limited, Ramla Bay Hotel, Marfa. Dan sar biss fil-31 ta' Lulju 2008 u cioè wara l-perijodu hawn taht ezami. Fil-perijodu ta' qabel, u cioè sa' mill-1997 jidher li l-vettura kienet f'isem XXX personalment*[34], ir-Rikorrent issottometta ulterjorment illi *jrid jinghad li minn dejjem kienet il-prassi ta' l-awtorità tat-trasport f'Malta, li company-owned vehicle ma tkunx irregistrata f'isem il-kumpanija per se, izda f'isem direttur minn taghha. Huwa ghalhekk li, per ezempju, ic-citazzjonijiet ghall-kontravvenzjonijiet tat-traffiku johorgu dejjem f'isem persuna (umana) u qatt f'isem kumpanija. Fit-tieni lok, jidher car li l-imsemmi certifikat esebit huwa semplicement re-issue u mhux certifikat li hareg ghaliex kien hemm xi bidla fis-sid tal-vettura. Dan ghaliex*

---

[31] General Cleaners Co. Ltd. v. Attorney General et, Citaz. nru. 2487/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-8 ta' Marzu 2005.
[32] Fol. 135 tal-process.
[33] Para. 4 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 327 tal-process.
[34] Para. 51 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 343 tal-process.

*fis-sezzjoni X2, in-numru ta' sidien ta' qabel huwa N/A, jigifieri sidien qabel l-imsemmija Holden Dev Co. Ltd. ma kien hemm hadd. Fit-tielet lok, isem u n-numru tal-karta ta' l-identità ta' l-appellant xorta wahda qed jidhru fuq ic-certifikat esebit, u dan minkejja li m'hemmx dubju li l-vettura kienet company owned meta hareg dan ic-certifikat. Ghalhekk bilfors li d-dettalji ta' din il-vettura jitilghu meta wiehed jaghmel search bin-numru tal-karta ta' l-identità ta' l-appellant ghaliex ma jezisti l-ebda numru ta' referenza iehor, bhal per ezempju in-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija ma' l-MFSA*[35].

Fil-fehma tat-Tribunal una volta r-Rikorrent stess jammetti li *search* maghmul tramite n-Numru tal-Karta ta' l-Identità tieghu per necessità ser ttella' bhala di proprjetà tieghu l-vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni TFC-108, ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova li dik il-vettura kienet bhala fatt proprjetà ta' wahda mis-socjetajiet tieghu u mhux tieghu f'ismu personali jinkombi esklussivament fuqu. F'tali rigward ghalhekk it-Tribunal iqis li japplikaw is-segwenti principji guridici generali: (i) *l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem li min jallegah* - Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta*;* (ii) *kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet* - Artikolu 558 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) ***il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib***[36] - Artikolu 559 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent naqas milli jissodifa kull wiehed minn dawn il-principji generali, applikabbli u centrali ghall-kwistjoni in ezami.

Apparte l-fatt li c-Certifikat ta' Registrazzjoni esebit minn Edmond Bartolo jirreferi ghas-sena 2008, ossia ghal sena 'l barra mill-perijodu kopert bil-Capital Accretion Exercise, dak ic-Certifikat ta' Registrazzjoni ma jikkostitwixxix l-ahjar prova li setghet tingieb mir-Rikorrent fir-rigward tal-proprjetà tal-vettura in kwistjoni tul il-perijodu kollu hekk kopert bil-Capital Accretion Exercise. In effetti, u nonostante d-diversi osservazzjonijiet maghmula mir-Rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu u fir-Replika tieghu, mic-Certifikat stess jirrizulta li *l-persuna li isimha jidher f'dan ic-certifikat mhux bilfors hi sid il-vettura*... Propio ghaliex il-persuna li isimha jidher fuq ic-certifikat mhux bilfors hi sid il-vettura, ir-Rikorrent kien fl-obbligu li jressaq provi iktar konvincenti - u certament prova li tirreferi ghall-perijodu kopert bil-Capital Accretion Exercise - dwar l-allegazzjoni tieghu li l-vettura in kwistjoni ma kenitx di proprjetà tieghu personali izda ta' wahda mis-socjetajiet tieghu.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar din il-vettura partikolari r-Rikorrent jissottometti wkoll illi: *f'sezzjoni B tac-certifikat esebit hemm imnizzel li d-data ta' l-ewwel registrazzjoni kienet fis-sena 1991. Din is-sena tigi qabel il-perjodu taht ezami u ghalhekk, la qatt ma kien hemm bidla fis-sid, anki li kieku biss il-vettura kienet ta' l-appellant, id-Dipartiment kellu jdahhal il-valur taghha, u cioè Lm8,477, fl-Accretion Exercise fil-kolonna tal-31 ta' Dicembru 1993. Dan kien irendi l-entry tal-vettura nulla ghall-iskop ta' l-Accretion Exercise, ghaliex kien ikun hemm zewg figuri identici fiz-zewg kolonni*

[35] Replika tar-Rikorrent, fol. 358 u 359 tal-process.
[36] Enfasi tat-Tribunal.

*tal-bidu u tat-tmiem tal-perijodu taht ezami, u b'hekk ma kien ikun hemm l-ebda accretion matul il-perjodu taht ezami*[37]. It-Tribunal josserva però illi skond il-Kummissarju tat-Taxxi *fil-perijodu ta' qabel* [il-31 ta' Lulju 2018 li huwa l-perijodu fir-rigward ta' liema jirreferi c-Certifikat ta' Registrazzjoni esebit minn Edmond Bartolo] *u cioè sa' mill-**1997***[38] *jidher li l-vettura kienet f'isem XXX personalment*[39]. Huwa evidenti ghalhekk li fejn ir-Rikorrent jikkontendi li l-vettura in kwistjoni ilha di proprjetà tieghu u/jew tas-socjetà Holden Dev. Co. Ltd. sa' mill-1991, u dan ghaliex ic-Certifikat ta' Registrazzjoni jindika din is-sena bhala s-sena ta' l-ewwel registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni, il-Kummissrju tat-Taxxi jikkontendi li mir-ricerki li ghamel irrizulta li din il-vettura ilha di proprjetà tar-Rikorrenti sa' mill-1997. It-Tribunal iqis li l-affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tar-Rikorrent però ma jistghux jigu milqugha u sostnuti ghar-raguni li kif già inghad iktar 'l fuq ic-Certifikat ta' Registrazzjoni ghas-sena 2008 ma huwiex l-ahjar prova dwar min kien sid il-vettura fiz-zminijiet ta' qabel is-sena imsemmija u ghalhekk dak ic-Certifikat wahdu ma huwiex sufficjenti biex juri li r-Rikorrent u/jew is-socjetà Holden Dev. Co. Ltd. ilhom proprjetarji ta' din il-vettura sa' mill-1991.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li anke fir-rigward tal-vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Registrazzjoni TFC-108, ir-Rikorrenti ma irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti, u dana lanqas sa' livell ta' *prima facie*, li l-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri huma zbaljati u/jew eccessivi.

## L-investiment da parte tar-Rikorrent fis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited

Fil-Capital Accretion Exercise hemm indikat li fil-31 ta' Dicembru 2005 ir-Rikorrent kellu investiment fis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited fl-ammont ta' Lm99,999. Fir-rigward ta' din id-determinazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri r-Rikorrent jikkontendi li: *l-Accretion Exercise li gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. KTI (Fol. 135) jinkludi ammont ta' Lm99,999 shares fil-kumpanija Tarcisio Galea Holdings Limited, fis-sezzjoni Investment in local private companies. Mix-xhieda ta' Edmond Bartolo jirrizulta li l-kumpanija Tarcisio Galea Holdings Limited kienet giet imwaqqfa fil-bidu tas-sena 2005* [recte 1995[40]], *originarjament b'kapital ta' Lm10,000 20% paid up. Ftit wara, f'Marzu tas-sena 2005* [recte: 1995] *kien sar allotment ta' 90,000 share ta' Lm1 'l wiehed, liema shares hargu kollha f'isem it-taxpayer. Biex seta' jsir dan l-allotment giet depozitata s-somma ta' Lm90,000 fil-kont bankarju tal-kumpanija, liema somma regghet giet irtirata parti dakinhar u l-kumplament l-ghada li kien sar l-allotment. Dan jista' jigi kkonfermat mid-dokumenti esebiti u immarkati bhala Dok. EB8 (fol. 163) u Dok EB9 (Fol. 164). Dok. EB8 (fol. 163) huwa kopja tar-Return of Allotments li turi li fit-13 ta' Marzu 2005* [recte: 1995] *kien hemm zieda ta' Lm90,000 fil-kapital tal-kumpanija Tarcisio Galea Holdings Limited, liema shares kienu kollha f'isem it-taxpayer. Dok. EB9 (fol. 164) huwa*

[37] Replika tar-Rikorrent, fol. 359 tal-process.
[38] Enfasi tat-Tribunal.
[39] Para. 51 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 343 tal-process.
[40] Vide xhieda moghtija minn Edmond Bartolo Waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012, fol. 171 tal-process.

*kopja ta' statement tal-Bank of Valletta li juri li fl-istess gurnata, ossia fit-13 ta' Marzu 2005* [recte: 1995], *kien sar depozitu ta' Lm90,000 fil-kont bankarju tal-kumpanija. Dawn il-flus kienu mbaghad gew migbuda f'zewg pagamenti: l-ewwel wiehed kien ta' Lm76,000 li ngibdu dakinhar stess. Il-bilanc gie migbud 'l ghada bhala parti mill-ammont ta' Lm30,000 li jidher fuq l-istatement tal-bank Dok. EB9 (fol. 164). Ghalhekk, l-ammont li effettivament hareg it-taxpayer ghal dawn is-shares ma kienx ta' Lm99,999 kif hemm fl-Accretion Exercise, izda ta' Lm2,000 li kien it-20% paid up fuq il-kapital originali ta' Lm9,999. L-80% l-ohra kienu unpaid. Imbaghad meta sar l-allotment ta' 90,000 share iehor, l-ammont ta' Lm90,000 li gie ddepozitat il-bank kien gie rtirat mill-ewwel. F'dan ir-rigward, l-ammont ta' Lm90,000 ma jistax jitqies li hargu t-taxpayer; jew inkella, se mai, tigi kkrejata liability. Ghalhekk l-ammont ta' Lm97,999 ghandu jitnaqqas mill-accretion exercise*[41].

Il-Kummissarju tat-Taxxi jirribatti ghal dawn is-sottomissjonijiet tar-Rikorrent bil-mod segwenti: *Illi f'Dicembru ta' l-2005 XXX kien proprjetarju ta' 99,999 sehem (share) ta' Lm1 kull sehem f'Tarcisio Galea Holdings Limited, liema ishma kienu fully paid up u li thallsu minn XXX. Kieku huwa kellu xi dejn fuq tali ishma, kellu kull dritt igib prova ta' tali dejn izda dan baqa' ma ghamlux. Ghalhekk gie assunt li huwa hareg is-somma ta' Lm99,999 sabiex kien allokat dawn l-ishma. ... Iz-zewg dokumenti pprezentati minn Edmond Bartolo fix-xhieda tieghu ta' l-24 ta' Jannar 2012 (a fol. 163 u 164 tal-process Dok. EB8 u EB9) li jikkonsistu f'bank statement ta' Tarcisio Galea Holdings Limited datat 22 ta' Marzu 1995 u Return of Allotments datat 13 ta' Marzu 1995, ma jaghtu l-ebda hjiel li dawn il-flus ma gewx imhallsa minn XXX. Dawn id-dokumenti juru biss li kien hemm allotment ta' 90,000 sehem ghall-valur nominali ta' Lm1 kull sehem u li dawn gew mehuda minn XXX bil-prezz komplessiv ta' Lm90,000. Fil-fatt il-bank statement (a fol. 164) tal-kumpanija hawn fuq imsemmija juri li fit-13 ta' Marzu 1995 saru tlett depoziti ta' Lm10,000, Lm76,000 u Lm4,000 li globalment jammontaw ghal Lm90,000, li huwa l-valur ta' l-ishma li huwa akkwista fl-istess kumpannija fl-istess data. Illi l-fatt li l-kumpannija gibdet l-ammont ta' Lm76,000 fit-13 ta' Marzu 1995 u Lm30,000 fl-14 ta' Marzu 1995 ma jfissirx li dawn il-flus ingbidu minn XXX. Ghall-kuntrarju, il-fatt li l-kumpannija harget allotment of shares gdid fl-1995 jindika li kellha bzonn injezzjoni ta' kapital gdid sabiex tinvesti u l-probabilità hija li tali flus gew uzati fl-investiment li l-kumpannija kellha bzonn taghmel. In effetti fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Novembru 2012 (f'pagna 4) Edmond Bartolo jghid li fl-1995 inxtrat ir-Ramla Bay Hotel u saru xi improvements fiha u bhala zmien dak jikkonicidi mas-sena li fiha ngibdu tali flus mill-kont ta' Tarcisio Galea Holdings Limited li hija l-azzjonista principali tal-kumpannija Holden Developments Limited (C-109) li ghaliha tappratjeni r-Ramla Bay Hotel. Illi l-esponent jirrileva li kieku dawn l-ammonti ingibdu mill-appellant dan kien jigi rifless fil-balance sheet tal-kumpannija bhala debitur ta' l-istess izda dan qatt ma gie sostnu mill-appellant jew mill-istatements finanzjarji tal-kumpannnija. Il-preljiev li sar mill-kont bankarju tal-kumpannija kull ma juri huwa li tali flus ingibdu izda ma jurix ghal liema skop. Illi dwar l-10,000 sehem li originarjament kienu 20% paid up u li qed issir referenza ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet*

[41] Para. 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 328 u 329 tal-process.

*ta' l-appellant, sad-data tal-31 ta' Dicembru 2005 dawn kienu fully paid up. Dan ifisser li XXX hallas d-differenza ta' Lm8,000 (80% ta' 10,000 sehem ta' Lm1 il-wiehed) qabel il-31 ta' Dicembru 2005. Illi ghalhekk l-esponent isostni li huwa kien korrett fl-ezercizzju ta' akkrexximent tieghu meta inkluda Lm99,999 bhala valur ta' investiment li XXX ghamel f'Tarcisio Galea Holdings Limited*[42].

Wara konsiderazzjoni tad-dokumenti markati Dok. "EB8" u Dok. "EB9" esebiti minn Edmond Bartolo waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012, fol. 163 u 164 tal-process, u tas-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan il-kaz ukoll ir-Rikorrent naqas milli jipprova b'mod sodisfacenti - u dana lanqas sa' livell ta' *prima facie* - li l-Capital Accretion Exercise da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa zbaljat u/jew ezagerat.

Kif gustament osservat mill-Kummissarju tat-Taxxi, mid-dokument Dok. "EB8" jirrizulta b'mod car li fit-13 ta' Marzu 1995 sar *allotment of shares* - senjatament ta' 90,000 sehem ghall-valur ta' Lm1 kull sehem - fis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited a favur ir-Rikorrent u dana versu hlas tas-somma komplessiva ta' Lm90,000. Mid-dokument "EB9" jirrizulta li bhala fatt fit-13 ta' Marzu 1995 is-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited irceviet is-somma komplessiva ta' Lm90,000 permezz ta' tlett pagamenti fl-ammonti ta' Lm10,000, Lm76,000 u Lm4,000. Mill-provi prodotti wkoll - senjatament mix-xhieda ta' Daniela Azzopardi in rapprezentanza tal-MFSA u b'mod partikolari mid-dokument Dok. "MF1" esebit minnha a fol. 214 u 215 tal-process - jirrizulta li l-ishma kollha li r-Rikorrent ghandu f'din is-socjetà, ossia 99,999 sehem, huma 100% fully paid, b'dana ghalhekk li bhala fatt fil-31 ta' Dicembru 2005 ir-Rikorrent kellu investiment ta' Lm99,999 fis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited.

Ghalkemm mid-dokument "EB9" jirrizulta li fl-14 ta' Marzu 1995 saru withdrawals mill-kont tas-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited fl-ammont komplessiv ta' Lm106,000, minn imkien ma jirrizulta li dan l-ammont jew ta' l-inqas Lm90,000 minnu ghaddew ghand ir-Rikorrent kif invece allegat minn Edmond Bartolo. Apparte il-fatt li ma jirrizultax fejn marru, jew ahjar lil min thallsu, il-flus migbuda mill-kont ta' Tarcisio Galea Holdings Limited fl-14 ta' Marzu 1995, huwa evidenti li giet migbuda somma ferm in eccess mill-Lm90,000 imhallsa mir-Rikorrent ghall-*allotment of shares* u ghalkemm Edmond Bartolo u r-Rikorrent jikkontendu li rimanenti l-bilanc ta' Lm14,000 ittiehed mill-withdrawal ta' Lm30,000.30, xorta wahda ma tressqet l-ebda spjega li turi fejn marret u kif intuzat id-differenza mis-somma ta' Lm30,000.30 biex l-affermazzjoni taghhom tinghata sembjanza ta' kredibilità.

Apparte dan kollu appena osservat jinghad ulterjorment li allotment of shares f'kumpanija huwa fil-maggor parti tal-kazijiet mod kif dik il-kumpanija tista' tiggenera flus biex tiffinanzja l-progetti u/jew negozju taghha u ghalhekk il-konstazzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar kif intuzaw il-withdrawals maghmula mis-socjetà Tarcisio Galea Holdings Limited hija plawsibbli

[42] Para. 52, 54 sa' 58 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 343 u 344 tal-process.

u bil-wisq probabbli, u definittivament ferm iktar plawsibbli u probabbli mill-allegazzjoni avvanzata mir-Rikorrent.

Ghaldaqtant, jigi ribadit li fir-rigward ta' din id-determinazzjoni partikolari r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti - u dana lanqas sa' livell ta' *prima facie* - li l-Capital Accretion Exercise tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa zbaljat u/jew ezagerat.

***Cash in hand and Jewellery as at 31st December 2005***

Fil-Capital Accretion Exercise il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddetermina li fil-31 ta' Dicembru 1993 ir-Rikorrent kellu *cash in hand* fl-ammont ta' Lm3,000 u *jewellery* fl-ammont Lm2,000 u li fil-31 ta' Dicembru 2005 kellu *cash in hand* fl-ammont Lm9,000 u *jewellery* fl-ammont ta' Lm6,000. Fir-rigward ta' din id-determinazzjoni partikolari r-Rikorrent jissottometti li *l-Accretion Exercise li gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. KTI (fol. 135) jinkludi ammont ta' Lm9,000 cash in hand fl-ahhar tas-sena 2005. Dan l-ammont giet mizjud arbitrarjament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan skond l-accretion exercise esebit minnu stess u mmarkat Dok. 1 (fol. 234) fejn hdejn l-ammont ta' Lm9,000 cash in hand hemm nota li tghid "Assumed". Dan meta l-istatement of affairs tat-taxpayer fl-ahhar tas-sena 2005, liema statement of affairs gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. 4 (fol. 237 sa' 241) juri li l-valur ta' cash in hand kien ta' Lm5,000. Dan l-ammont ta' cash in hand fih innfisu kien digà wiehed piuttost gholi ghal dak iz-zmien, u ghalhekk jidher aktar esagerat l-ammont assumed mill-Kummissarju tat-Taxxi Intenri, dak ta' Lm9,000. Ghalhekk, l-ammont ta' Lm4,000 ghandu jitnehha mill-Accretion Exercise. L-Accretion Exercise li gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. KTI (fol. 135) jinkludi ammont ta' Lm6,000 jewellery fl-ahhar tas-sena 2005. Dan l-ammont gie mizjud arbitrarjament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan skond l-accretion exercise esebit minnu stess u mmarkat Dok. 1 (fol. 234), fejn hdejn l-ammont ta' Lm6,000 jewellery hemm nota li tghid 'assumed'. Dan meta l-istatement of affairs tat-taxpayer fl-ahhar tas-sena 2005, liema statement of affairs gie esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mmarkat bhala Dok. 4 (fol. 237 sa' 241) juri li l-valur ta' jewellery kien ta' Lm2,000, flimkien ma' nota li tghid li kien hemm ammont ta' jewellery li kien gie inherited fl-1999. L-ammont assumed mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dak ta' Lm6,000, m'ghandu l-ebda bazi u ghalhekk, l-ammont ta' Lm4,000 ghandu jitnehha mill-Accretion Exercise*[43].

Il-Kummissarju tat-Taxxi ggustifika l-entrati dwar il-*cash in hand* u *jewellery* fil-Capital Accretion Exercise tramite x-xhieda ta' Carmel Gatt li, hu u jixhed dwar il-Capital Accretion Exercise, iddikjara li *ttiehdu ammonti ta' cash in hand u jewellery, li l-ammont taghhom ta' disat elef u sitt elef, fl-ahhar kolonna huma assumed ukoll dawn*[44]. Salv ghal din l-ispjegazzjoni - jekk effettivament tista' tissejjah hekk - il-Kummissarju tat-Taxxi ma ta l-ebda spjegazzjoni ulterjuri dwar

[43] Para. 5 u 6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 327 u 328 tal-process.
[44] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2013, fol. 298 sa' 301 tal-process.

kif wasal ghall-figuri ta' Lm9,000 u ta' Lm6,000 rispettivament bhala *cash in hand* u *jewellery* li skontu r-Rikorrent kellu fil-31 ta' Dicembru 2005.

Ladarba fl-*istatement of affairs* tieghu r-Rikorrent indika l-valur ta' cash in hand u jewellery li kellu fil-31 ta' Dicembru 2005, il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jippretendi li d-determinazzjonijiet tieghu ta' ben Lm4,000 iktar ghal kull wiehed minn dawn iz-zewg aspetti tigi assekondata u kkonfermata a bazi tas-semplici dikjarazzjoni li dawn gew *assumed*. Ghalkemm kien hemm certa assunzjonijiet ohra li l-Kummissarju tat-Taxxi ghamel fir-rigward tar-Rikorrent ghal dak li jirrigwarda aspetti ohra trattati fil-Capital Accretion Exercise, dawn l-assunzjonijiet dejjem kienu b'rizultat ta' jew imsejsa fuq fatturi u elementi konkreti - bhal ad ezempju l-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995 u r-Return of Allotments datata 13 ta' Marzu 1995 - u ghalhekk dawk l-assunzjonijiet kienu fondati izda, f'dan il-kaz partikolari ma jirrizulta l-ebda fondament konkret jew ta' l-inqas plawsibbli in bazi ghal liema l-Kummissarju tat-Taxxi ikkonkluda li fil-31 ta' Dicembru 2005 ir-Rikorrent kellu *cash in hand* fl-ammont ta' Lm9,000 u *jewellery* fl-ammont ta' Lm6,000.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal iqis li ma jistax jaccetta din id-determinazzjoni partikolari tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu ma gietx minnu debitament spjegata u sostnuta bhala li ghandha titwemmen u tigi accettata a differenza ta' dak affermat mir-Rikorrent fl-*istatement of affairs* tieghu. Ghaldaqstant, l-ammont ta' *total assets* tar-Rikorrent fil-31 ta' Dicembru 2005 kif indikat fil-Capital Accretion Exercise ghandu jonqos bis-somma komplessiva ta' Lm8,000 u b'hekk minn Lm523,791 jinzel ghal Lm515,791[45] u l-*unexplained increase during period 31st December 1993 to 31st December 2005* jonqos ghal Lm422,615[46] bil-konsegwenza li l-*unexplained increase on average per years (12yrs)* jonqos ghal Lm35,217.92[47], illum ekwivalenti ghal €82,035.68. Minn dan isegwi ghalhekk li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 ghandhom jigu riveduti a bazi tal-figura ta' *unexplained increase on average per year* ta' Lm35,217/€82,035.68.

Apparte l-kontestazzjonijiet fir-rigward tal-Capital Accretion Exercise, ir-Rikorrent jikkontendi li l-Kummissarju tat-Taxxi huwa zbaljat fil-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tieghu ghaliex *in-notifiki ta' rifjut li fuqhom qed isir dan l-appell, jghidu fost affarijiet ohra, li: 'you failed to co-operate with the Department in that: A. You failed to explain the Capital Accretion for YA 1995-2006; B. Even though you accepted that interests not subject to final withholding tax should be brought to charge, you failed to adjust your declared income accordingly." ... Ghar-rigward tal-punt B, dak li 'you failed to adjust your declared income accordingly', il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hu hawnhekk ghal kollox zbaljat, ghaliex id-declared income kien gie aggustat bl-ammonti ta' l-interests not subject to final withholding tax. Fil-fatt, id-declared income kien gie aggustat f'kull sena u f'kull sena thallset ukoll it-taxxa relattiva flimkien mat-taxxa addizzjonali (ommissjoni) u l-interessi. Skond ma xehed Edmond Bartolo, dawn il-pagamenti*

---

[45] Lm523791-Lm8,000 = Lm515,791.
[46] Lm515,791 - Lm118,578 = Lm397,213; jizdiedu l-possible savings ta' Lm25,402 = Lm422,615.
[47] Lm422,615/12 = Lm35,217.92.

*huma koperti b'ircevuti datati it-13 ta' Gunju 2008* - esebiti bhala Dok. "EB10" a fol. 175 sa' 178 tal-process.... *Tajjeb li wiehed jirrileva hawnhekk li filwaqt li dawn l-ircevuti jigbu d-data tat-13 ta' Gunju 2008, l-assessments li fuqhom qed isir dan l-appell inhargu fis-27 ta' Jannar 2011, jigifieri aktar minn sentejn u nofs wara li kienet thallset it-taxxa. Madanakollu, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni baqa' jghid li 'you failed to adjust your declared income accordingly'. Huwa evidenti li hawnhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa ghal kollox zbaljat*[48].

Fil-fehma tat-Tribunal din l-osservazzjoni tar-Rikorrent bl-ebda mod ma turi li l-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma zbaljati. Bil-fatt li huwa hallas it-taxxa dovuta fuq tali interessi fit-13 ta' Gunju 2008 u cioè wara l-hrug tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa originali fis-7 ta' April 2008 (dawn huma l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa originali ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2006, li huma l-istess snin ta' stima relattivi ghall-imghaxijiet in kwistjoni), ir-Rikorrent gie li accetta li fil-prospetti tat-taxxa tieghu ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2006, l-imsemmija snin inkluzi, huwa naqas milli jiddikjara, biex b'hekk ihallas id-debita taxxa fuqhom, dawn l-imghaxijiet. B'hekk dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi, ghad illi fl-Avvizi ta' Rifjut ta' Oggezzjoni mahruga fl-2011, ma huwiex affattu skorrett. Jigi osservat li l-Kummissarju ma huwiex qed jintaxxa lir-Rikorrent fuq dawn l-interssi darbtejn in kwantu kif johrog ferm car mill-Capital Accretion Exercise dawn l-interessi ttiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-*possible savings* taht l-entrata *Spouse bank interest.*

Trattati dawn l-aspetti kollha, it-Tribunal josserva li hemm aggravju iehor li gie sollevat mir-Rikorrent li jehtieg jigi tratta u dan huwa l-aggravju tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jippremetti li *l-imsemmija likwidazzjoni harget fuori termine (Artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372).* L-imsemmija provvedimenti tal-Ligi, jew ghall-inqas dawk rilevanti ghall-vertenza odjerna, kienu, fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, jipprovdu s-segwenti:

Artikolu 30(1): *meta persuna tkun baghtet prospett ta' l-income ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999, il-Kummissarju jista' - (a) jaccetta l-prospett u jaghmel l-istima; (b) wara li jikkonsidra kull prospett, ktieb jew prova ohra li tingieb quddiemu jew li jinkisbu minnu, jirrifjuta li jaccetta l-prospett u mill-ahjar li jista' jiddetermina b'ordni bil-miktub l-ammont ta' l-income tal-persuna u jintaxxaha*;

Artikolu 30(3) - *meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li persuna ma tkunx saritilha stima jew li tkun saritilha stima b'ammont inqas minn dak li kien imissha giet intaxxata ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999, il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew b'ammont addizzjonali, skond il-gudizzju tieghu, kien imissha giet intaxxata u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b) ghandhom ikunu japplikaw ghal stima bhal dik*;

[48] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 331 u 332 tal-process.

Artikolu 30(4) - *l-istima, ghal xi sena ta' stima, li ssir b'mod konformi ma', u skond xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ghandha ssir matul dik l-istess sena ta' stima jew matul it-tmien snin li jigu wara l-iskadenza taghha:…*;

Artikolu 30(5) - *Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), meta persuna ma tkunx baghtet lill-Kummissarju l-prospetti mehtiega bl-Atti dwar it-Taxxi ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999 jew* ***ma ddikjaratx b'mod komplet u veritier kull fatt materjali mehtieg ghall-istima taghha ghal xi sena u b'hekk tevita t-taxxa, il-Kummissarju meta jidhirlu li dak li sar jkun dovut ghal frodi jew evazjoni, jista' f'kull zmien jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew jew ammont addizzjonali hekk kif skond l-ahjar gudizzju tieghu dik il-persuna kellha tigi intaxxata u ghandu jiehu passi biex isir il-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew penali***[49].

Artikolu 31(1) - *meta persuna tkun baghtet prospett ta' l-income taht l-artikolu 10 ta' dan l-Att li jinkludi stim personali ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas minn, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima f'dawk l-ammonti indikati minn dik il-persuna fl-istima personali, billi jsiru dawk it-tiswijiet aritmetici bhalma jistghu jirrizultaw li jkunu mehtiega fuq il-bazi ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dak il-prospett*;

Artikolu 31(4) - *il-Kummissarju jista' jaghmel kull stharrig u verifika li jidhrulu xierqa ghar-rigward ta' kull taxxa li tithallas minn, jew li tithallas lura lil xi persuna u jista' jaghmel dawk it-tiswijiet ghal xi determinazzjoni li tkun saret taht id-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu hekk kif jista' jigi miftiehem bil-miktub ma' dik il-persuna jew kif jista' jkun mehtieg skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att*;

Artikolu 31(5) - *meta l-Kummissarju jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi intaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jsitghu jingiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-ahjar dehen tieghu jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas minn, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima bhal dik tkun giet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jaghmel stima jew stimi addizzjonali;*

Artikolu 31(6) - *stima jew stima addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income jew*

[49] Enfasi tat-Tribunal.

*prospett ulterjuri ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ta' dan l-Att ghal dik is-sena*;

Artikolu 31(7) - ***minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, meta persuna: (a) tkun baghtet propsett jew prospetti lill-Kummissarju u ma tkunx ghamlet fihom zvelar shih tal-fatti materjali kollha rilevanti ghalbiex jigi determinat l-income u t-tnaqqis peremess taghha; jew (b) bil-ghan li tigi evitata t-taxxa jew bi traskuragni kbira jew konsapevoli tkun baghtet lill-Kummissarju prospett li jkun mhux korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali,s tima jew stima addizzjonali taht is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu tista' ssir f'kull waqt wara z-zmien stipulat skond ma hemm f'dan l-Att ghar-rigward tat-twassil tal-prospett ta' l-income ghal dik is-sena***[50].

Fir-rigward tal-principji li jirrizultaw minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1971[51], fejn il-Qorti iccitat is-segwenti bran mid-decizjoni Hudson v. Humbles, 42 T.C. 380 at pg. 348, u cioè li: *it is well established that, where the Revenue makes an assessment which would be out of time apart from the proviso to subsection (1), (fil-kaz taghna at 53(2))* [u fil-kaz in ezami Art.30(5) u Art. 31(7)] *the burden lies upon the Revenue to establish that some form of fraud or wilful default (fil-kaz taghna fraud or evasion) has been committed by the taxpayer in connection with or in relation to Income Tax. If the Revenue succeeds at this stage, the burden then shifts to the taxpayer to displace the assessment, for example on the ground that it is excessive in amount"* u jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Bord ta' Kummissarju Specjali fl-24 ta' Ottubru 2007 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008, fejn il-Bord osserva li: *Tiley (Revenue Law, 4th Edition, 2000) jghid li "tax evasion itself has developed a number of frayed edges". U jiccita bhala ezempju ta' dawn li "Evasion may result from taking a position on tax legislation which is later shown to be incorrect", u jzid li "its [ta' l-evazjoni] greatest cause may not be fraud or greed, but the complexity of tax legislation" u li "[evasion] can be a matter of judicial hindsight". F'kuntest totali bhal dan, u a bazi tad-dokumentazzjoni mressqa, il-Bord iqis li s-sitwazzjoni hi li ghal finijiet ta' l-Artikoli 30(5) u (6) ta' l-ITMA l-appellat ma ressaqx prova ezawrijenti ta' frodi jew evazjoni. Ezercizji purament numerarji (akkurati u ragjunati tajjeb, izda mhux sostnuti minn evidenza dokumentata) mhumiex bizzejjed biex isostnu t-tezi ta' frodi u/jew evazjoni, li mbaghad kienet tkun hi li, f'dan il-kuntest, trid twaqqa l-posizzjoni ta' l-appellant fl-invokazzjoni tieghu tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 30 (5).*

Ikkunsidrati l-provvedimenti tal-Ligi rilevanti u l-principji guridici hawn appena esposti, it-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li fil-prospetti ta' l-income tieghu ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006 (l-imsemmija snin ta' stima inkluzi), ir-Rikorrent

[50] Enfasi tat-Tribunal.
[51] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 3 pg. 1.

konsapevolment naqas milli jaghmel dikjarazzjoni shiha u veritiera ta' l-income tieghu ghal dawn is-snin ta' stima u dana sar bi frodi w evazjoni da parte tieghu bl-iskop uniku li jevita li jhallas it-taxxa dovuta minnu. Mill-provi prodotti ampjament jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent u salv ghal dak determinat dwar *cash in hand* u *jewellery as at 31st December 2005*, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma ghamilx kalkoli purament numerarji fuq mera assunzjonijiet izda huwa ghamel il-kalkoli akkurati tieghu a bazi ta' dokumenti - inkluz kuntratti, senjatament il-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 17 ta' Awwissu 1995 - sottomessi mill-istess Rikorrent li, però, a sua volta ma rnexxilux juri b'mod sodisfacenti li l-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-Kummissarju dwar l-eventwali *under-declared income* li irrizulta mill-Capital Accretion Exercise esegwit minnu huma zbaljati u/jew ezagerati. Ir-Rikorrent ma ta assolutament l-ebda spjegazzjoni plawsibbli dwar l-*under-declared income* li rrizulta lill-Kummissarju tat-Taxxi, la fl-istadju ta' oggezzjoni u wisq inqas quddiem dan it-Tribunal fl-istadju ta' l-appell. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal iqis li japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 30(5) u ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenza ghalhekk li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, ma humiex preskritti.

In fine jigi osservat li r-Rikorrent jikkontendi wkoll li *r-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità*[52].

Ghalkemm ir-Rikorrent issolleva dan l-aggravju huwa naqas milli jittratta l-istess u la ressaq provi u lanqas avvanza sottomissjonijiet in sostenn ta' l-istess. Detto ciò it-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza Tieghu kif konferita bl-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali w imghaxijiet il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexiex skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona t-taxxa amminsitrattiva u l-imghaxijiet fuq ir-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ma jirrizultax li dawn, bhala parti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent, huma zbaljati jew eccessivi. Jekk ir-Rikorrent jikkontendi però li d-disposizzjonijiet tal-Ligi kif promulgati jiksru l-principju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn tigi trattata tali kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 ma humiex preskritti, jichad it-talba tar-

[52] Fol. 2 tal-process.

Rikorrent ghat-thassir u revoka ta' l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa izda jordna li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2006, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, ghandhom jigu riveduti a bazi tal-figura imnaqqsa ta' *unexplained increase on average per year* ta' Lm35,217, ekwivalenti ghal €82,035.68.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**MAGISRTAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**